MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 246/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**David Briffa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra David Briffa talli fis-7 ta’ Marzu 2007 ghall-habta tas-7.30 p.m. fil-Belt Valletta bi kliem hedded lil Julia Farrugia;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Lulju 2008 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi David Briffa mhux hati u lliberatu minn kull addebitu;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fl-1 ta’ Awwissu 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat hati ta’ l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-eccezzjoni sollevata minn Dott. Arthur Azzopardi ghall-appellat fis-seduta tal-11 ta’ Marzu 2009 fis-sens li r-rikors ta’ appell huwa null peress illi l-paragrafu li jirrigwarda l-fatti fil-qosor isemmi persuna li mhijiex l-appellat u inoltre l-fatti ma jirrispekkjawx ic-cirkostanzi li fihom sehh l-allegat reat;

Rat ir-risposta ta’ Dott. Maurizio Cordina ghall-Avukat Generali fis-sens li ma hemm ebda nullita` peress illi fejn fil-paragrafu msemmi hemm indikat “David Farrugia”, dan kien biss *lapsus calami*;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. David Briffa”, jibda billi jirreferi ghall-imputazzjoni dedotta kontra <u>David Briffa</u> talli fis-7 ta’ Marzu 2007 ghall-habta tas-7.30 p.m. fil-Belt Valletta bil-kliem hedded lil Julia Farrugia. Fil-paragrafu li jirrigwarda l-fatti fil-qosor jinghad li “David Farrugia hedded bil-kliem lil Julia Farrugia waqt li kienet qieghda taqdi xogholha ta’ gurnalista mal-gurnal Malta Today.”

Ghall-appellat, il-fatt li f’dan il-paragrafu jissemma “David Farrugia” igib in-nullita` tar-rikors ta’ appell. Ghall-appellat dan hu kaz ta’ *lapsus calami*.

Din il-Qorti diversament presjeduta diga` kellha okkazjoni tirrimarka li *“zball f’rikors ta’ appell kriminali huwa*

*rettifikabbli meta jidher car li si tratta ta' semplici 'lapsus calami' u mhux ta' nuqqas sostanzjali"*[1].

Din il-Qorti taqbel ma' l-Avukat Generali li hawn si tratta ta' *lapsus calami*. Ir-rikors jirrigwarda imputazzjoni dedotta kontra David Briffa. Il-fatti msemmija fil-paragrafu li jirrigwarda l-fatti fil-qosor jirreferu ghall-imputazzjoni dedotta kontra David Briffa. Huwa evidenti li bi zball tnizzel il-kunjom "Farrugia" minflok "Briffa" minhabba ripetizzjoni kostanti fir-rikors ta' appell tal-kunjom Farrugia li huwa kunjom l-allegata vittma "Julia Farrugia". Filwaqt illi din il-Qorti ma tistax tikkondona zbalji simili, tali zball ma jistax jitqies bhala zball ossia nuqqas sostanzjali li jwassal ghan-nullita` tar-rikors ta' appell. Huwa zball rettifikabbli.
Kwantu ghal dik il-parti tal-pregudizzjali ta' l-appellat fis-sens li l-fatti ma jirrispekkjawx ic-cirkostanzi li fihom sehh l-allegat reat, mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tipprova tara jekk il-fatti kif esposti mill-appellant b'mod konciz humiex korretti jew le. Dik hija kwistjoni ta' mertu li, se mai, jigi trattat fi stadju ulterjuri ta' dan l-appell.[2]

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-pregudizzjali sollevata mill-appellat, tordna l-korrezzjoni tar-rikors ta' appell billi fit-tieni faccata ta' dak ir-rikors fil-paragrafu li jibda "Illi l-fatti fil-qosor tal-kaz huma …", l-isem "David Farrugia" jigi sostitwit bl-isem "David Briffa", u tordna inoltre l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Ara Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Cumbo**, 15 ta' Frar 1958, Vol. XLII.iv.1260; **Il-Pulizija v. Joseph Cini**, 23 ta' April 1992, Vol. LXXVI.v.799; **Il-Pulizija v. Renald Cutajar**, 10 ta' Novembru 2004.

[2] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Anthony Gafa`**, 15 ta' Gunju 2001.